**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 67/2023 RM**

**Gordon-John Manche' f'ismu personali kif ukoll għan-nom tal-Komunita' Evanġelika *River of Love***

**-Vs-**

1. **Owen Galea**
2. **Alvin Vassallo**
3. **Charles Dalli**
4. **Dr. Joanna Spiteri**

**Illum, 18 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti mill-attur, Gordon-John Manche' f'ismu personali u għan-nom tal-Komunita' Evanġelika River of Love, fit-18 ta' Marzu 2022 fejn talab li l-konvenuti jiġu kkundannati:

1. Iħallsuh dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina ai termini tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta, bħala danni morali u danni reali b'riparazzjoni tal-malafama li sofrew, meta bħala atturi fl-artikolu tal-4 ta' Jannar 2022, kif aġġornat fl-12:04pm, u intitolat: "MGRM espresses concern

saying it has long warned of the danergs of River of Love" u l-artikolu tas-6 ta' Jannar 2022 aġġornat fit-08:10om, intotolat: "Il-Pulizija qed tkellem membri ta' 'River of Love' dwar rabtiet mas-suspettat fil-qtil ta' tas-Slimea, it-tnjen ippublikati fuq il-portal tvm.com.mt, tajtu malafama lir-rikorrenti b'allegazzjonijiet foloz ui malafamanti fejn, fost oħrajn:

a. Fir-rigward tal-artikolu datat 4 ta' Jannar 2022, allegajtu li r-rikorrenti u l-Komunita' River of Love tipprattika il-Gay Conversaion therapy, kif miktub minn Owen Galea fl-artikolu tiegħu, b'mod partikolari meta jingħad li "Among other things because of illegal practices through which they practiced gay conversion therapy – ostensibly to cure gays and make them 'straight'" u li "The organization said it had set up several Facebook pages to convince people that if tthey were unhappy with themselves or had a problem, people like Gordon Manche and Matthew Grech had the ability to cure them".
b. Fir-rigward tal-artikolu datat 6 ta' Jannar 2022, Alvin Vassallo ppubblika li r-rikorrenti u l-Komunita River of Love huma b'xi mod dirett jew indirett involuti fl-incident gravi li seħħ nhar it-2 ta' Jannar 2022 wara l-mewt ta' Paulina Dembska, meta fl-artikolu intqal li "Il-Pulizija qed tkellem membri ta' River of Love dwar dabtiet li seta' kellhom ma' Abner Aquilina, is-supsettat fil-qtil ta' Paulina Dembska, f'Tas-Sliema"; u
c. Tkunu ordnat a tenur tal-artikolu 14 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tneħħu d-dikjarazzjoni/jiet mis-sit elettroniku u/jew tieqfu milli tiddistribwixxu, tbiegħu jew turu materjal li fih id-dikjarazzjonijiet malafamanti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati ingunti minn issa għas-subizzjoni.

Rat in-nota ppreżentata mill-konvenuta Dr. Joanna Spiteri fil-5 ta' April 2022;

Rat ir-Risposta tal-konvenuti l-oħra kollha ppreżentat fil-11 ta' April 2022 fejn ġie eċċepit:-

*"1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-esponenti jitolbu li l-attur Gordon-John Manche jiċċara x'inhuwa l-istat legali tal-konunita' 'Evengelika River of Love' u dan b'riserva għal-preżentata ta' eċċezzjonijiet ulterjuri hekk kif l-attur jagħmel dan;*

*2. Illi fit-tieni lok u fil-mertu, l-imputazzjonijiet li saru mill-esponenti fil-pubblikazzjonijiet mertu tal-kawża huma sostanzjalment veri.*

*3. Illi fi kwalunkwe każ u fit-tielet lok, il-pubblikazzjoni li dwarha sar l-ilment kienet, jew kienet tifforma parti minn, dikjarazzjoni ta' meterja ta' interss pubbliku, u l-esponenti kienu qegħdin jagħmlu d-dmir tagħhom li jirraportaw dwar aħbar serja, gravi u ta' importanza pubblika f'soċjeta' demokratika li tħaddan bi shih il-libera' tal-espressjoni.*

*4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-atturi li huma minn issa ngunti għas-subizzjoni"*

Rat in-nota ppreżentat mill-attur fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2022 fejn ċeda l-atti kollha tal-kawza fil-konfront tal-konvenuta Joanna Spiteri bħala Kap Eżekuttiv ta' Public Broadcasting Services Limited;

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2022 għall-fini tal-artikolu 10 tal-Kap. 579 fejn ordnat lill-partijiet jgħaddu minn proċess ta' medjazzjoni li kellu jiġi konkluż fi żmien xaharejn;

Rat id-digriet tagħha mogħti fl-14 ta' Diċembru 20222 fejn irrevokat *contrario imperio* l-ordni mogħtija fil-5 ta' Mejju 2022 u laqgħet it-talba tal-partijiet biex il-kawża tiġi mismugħa u deċiża minnha stess;

Rat id-digriet mogħti fit-13 ta' Novembru 2023 fejn ċaħdet it-talba tal-attur għall-isfilz ta' Dok. CC2, Dok. CC3 u Dok. CC4;

Rat id-digriet mogħti fl-4 ta' Diċembru 2023 fejn ċaħdet it-talba tal-attur għall-isfilz tad-dokument li ġie ppreżentat fit-8 ta' Novembru 2023 (Dok. A) kif ukoll l-isfilż tax-xhieda ta' Ana Tortell, Karen Grima u Georgre Vella Bencini;

Rat id-digriet mogħti fit-18 ta' Diċembru 2023 fejn ċaħdet it-talba tal-attur għall-isfilz ta' Dok. OG1, Dok. OG2 u Dok. OG3;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentat għall-attur fid-19 ta' Settembru 2023 kif awtorizzat;

Rat ukoll in-nota ta' osservazzjonijiet ippreżentat għall-konvenuti Owen Galea, Alvin Vassallo u Charles Dalli fil-31 ta' Ottubru 2023, skont kif awtorzzat;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni għal malafama taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama ('l-Att'), Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-attur, Gordon John Manche f'ismu proprju kif ukoll f'isem il-Komunita' Evanġelika 'River of Love', ħassu aggravat bil-pubblikazzjoni ta' żewġ artikoli separati:-

1. Artikolu pubblikat fuq is-sit elettroniku www.tvm.com.mt fl-4 ta' Jannar 2022 intestat '*MGRM expresses concern saying it has long warned of the dangers of River of Love*'; u
2. Artikolu ieħor pubblikat ukoll fuq is-sit elettroniku www.tvm.com.mt fis-6 ta' Jannar 2022 intestat: *'Il-Pulizija qed tkellem membri ta' River of Love dwar rabtiet mas-suspettat fil-qtil ta' Tas-Sliema*'.

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta li ż-żewġ artikoli impunjati ġew pubblikati biss jumejn wara l-omiċidju ta' Paulina Dembska. Dan kien qtil makabru li kien qanqal agħa u disturb fis-soċjeta' u xpruna wkoll attiviżmu favur il-leġislazzjoni tad-delitt tal-femiċidju, liema delitt tabilħaqq kien ġie introdott fil-Kodiċi Kriminali permezz ta' emendi li daħlu fis-seħħ ftit xhur wara bis-saħħa ta' Att X tal-2022. Naturalment, dan il-qtil kien ġie rapportat estensivament fil-midja lokali.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tibda biex tosserva illi filwaqt li hu evidenti li l-konvenuti Owen Galea u Alvin Vassallo huma l-awturi, rispettivament, taż-żewġ artikoli impunjati, il-konvenut Charles Dalli ġie mħarrek fl-azzjoni odjerna bħala l-editur ta' Public Broadcasting Services Limited. Għalkemm huwa kkonferma fix-xhieda tiegħu li jokkupa r-rwol ta' 'editor-in-chief' tal-kumpannija Public Broadcasting Services Limited, baqa' ma qalx jekk huwiex ukoll l-editur tas-sit elettroniku www.tvmnews.mt li fuqu ġew ippubblikati l-artikoli impunjati. Iżda minn ezami taż-żewġ artikoli nfushom, jirriżulta illi Public Broadcasting Services Limited hija responsabbli għall-ubblikazzjoni tal-midja fuq is-sit elettroniku www.tvmnews.mt. Għalhekk, anke billi l-leġitimazzjoni passiva tal-konvenut Charles Dalli ma ġiex kontestat espressament mill-konvenuti, la fir-Risposta u lanqas fil-provi li huma ressqu matul is-smigħ tal-kawża, il-Qorti tqis illi huwa ppruvat suffiċjentement illi Charles Dalli, bħala 'editor-in-chief' ta' Public Broadcasting Services Limited huwa responsabbli għall-kontroll editorjali jew tal-kontenut tal-midja mxandra fuq www.tvmnews.mt u huwa kwindi l-editur għall-fini tal-artikolu 3(3) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

**(1) Artikolu pubblikat fl-4 ta' Jannar 2022[1] fuq www.tvmnews.mt**

Dan l-artikolu huwa l-awtur tiegħu l-konvenut Owen Galea.

Għall-Qorti, il-fatt li jirriżulta mix-xhieda illi Owen Galea kiteb l-artikolu oriġinali bil-Malti u mhux il-verżjoni bl-Ingliż, huwa immaterjali, anke jekk l-artikolu impunjat speċifikatament mill-atturi fir-Rikors, huwa dak bil-lingwa Ingliża. Huwa evidenti li l-artikolu impunjat fih l-istess kliem, kontenut u referenzi identiċi bħall-artikolu miktub mill-konvenut Owen Galea, ġie wkoll ippubblikat fuq l-istess sit elettroniku, www.tvm.com.mt u ġie tradott mill-istess sit elettroniku għall-Ingliż, għall-benefiċċju tal-qarrejja li jagħżlu jaqraw l-aħbarijiet fuq www.tvmnews.mt bl-Ingliż. Għaldaqstant, għall-fini ta' din l-azzjoni, il-Qorti sejra tqis iż-żewġ artikoli bħala artikoli impunjati bħala malafamanti.

Illi fir-rigward ta' dan l-artikolu, ippubblikat fl-4 ta' Jannar 2022, l-attur Gordon-John Manche' ħassu aggravat speċifikatament bil-fatt li kemm hu kif ukoll il-Komunita' mmexxija minnu, River of Love, ġew assoċjati permezz tal-pubblikazzjoni impunjata u pubblikazzjonijiet oħrajn fil-midja, mal-prattika ta' *gay conversion therapy*, u jsostni li l-artikolu impunjat inissel l-imputazzjoni li kemm hu kif ukoll il-Komunita' jipprattikaw din l-attivita' illegali u jabbużaw b'hekk minn persuni vulnerabbli.

Isostni li din l-imputazzjoni titnissel mis-segwenti siliet fl-artikolu:-

"*Among other things because of illegal practices through which* [River of Love movement] *practised gay conversion therapy – ostensibly to cure gays and make them 'straight'*"

u

[1] Dok. A anness mar-rikors promotur. Ara wkoll Dok. CD1 (l-artikolu tal-4 ta' Jannar 2022 bl-Ingliż u bil-Malti), iżda l-Qorti tinnota li l-verżjoni bl-Ingliż f'Dok. CD1 ma fihiex l-istess kontenut ta' Dok. A u hemm paragrafi neqsin.

"*The organisation* [MGRM][2] *said* [River of Love movement] *had set up several Facebook pages to convince people that if they were unhappy with themselves or had a problem, people like Gordon Manche and Matthew Grech had the ability to cure them*"

L-attur xehed li huwa Pastor/Ragħaj Spiritwali ta' Knisja Evanġelika u Moviment Kristjan Kariżmatiku bl-isem 'Komunita' River of Love', li jaħdem biex titkattar l-imħabba ta' Ġesu Kristu u joffri tama, imħabba u fejqan mill-uġigħ li jkunu għaddejjin minnu persuni f'ħajjithom. Fisser illi l-Moviment ma għandux reġistru tal-membri għaliex il-Knisja hija miftuħa għal kull min jixtieq jidħol fiha u jitlob, u hija aċċessibbli għal kulħadd. L-attur jirrikonoxxi li matul is-snin fil-Knisja tiegħu ra diversi persuni li kienu jgħixu ħajja omosesswali u li bl-għajnuna tal-imħabba ta' Ġesu' nnifsu u l-Kelma t'Alla, iddeċidew li jiefqu jipprattikaw dik ix-xorta ta' ħajja u llum saħansitra jinsabu miżżewġin lil persuni tas-sess oppost. Iżda jiċħad li ġewwa River of Love jiġi prattikat xi xorta ta' terapija fuq dawn il-persuni[3] u insista li id-deċiżjoni tkun ittieħdet mill-persuni volontarjament u bl-għajnuna u l-qawwa tal-Mulej u li qatt ma sar xejn illegali fi ħdan il-Knisja tiegħu, tant illi qatt ma ġie investigat mill-Pulizija fir-rigward. L-attur ċaħad ukoll li l-Knisja jew Moviment tellgħu paġni fuq Facebook b'rabta ma' din it-terapija illegali.

L-attur ċaħad ukoll li River of Love kien involut b'xi mod fil-qtil ta' Paulina Dembska u kkonferma li qatt ma kien iltaqa' magħha. Xehed illi l-insinwazzjoni li membri ta' River of Love kellhom rabtiet mas-suspettat fil-qtil, Abner Grech, hija allegazzjoni malafamanti intiża biex tagħmillu ħsara anke għaliex il-ġurnalist ippubblika l-artikolu mingħajr lanqas ipprova jagħmel kuntatt miegħu biex jieħu l-verżjoni jew il-kummenti tiegħu.

---

[2] Ara xhieda tal-konvenut Owen Galea, paġna 94, 13 ta' Marzu 2023.

[3] Ara xhieda ta' Joy Felice, Rebecca Camilleri, Joseph Gatt, Victor Novitchi, Janine Frackowiak u Liam Edward Hayden, ilkoll membri attivi tal-Knisja River of Love li xehdu illi kienu attirati lejn persuni tal-istess sess tagħhom iżda bl-imħabba ta' Alla u l-Kelma tiegħu, bidlu l-istil tal-ħajja tagħhom u dan qabel bdew jattendu l-Knisja mmexxija mill-attur u mingħajr ebda intervent jew tħajjir minnu jew minn xi ħaddieħor fil-Moviment River of Love.

Il-konvenut Owen Galea xehed illi bħala xandara tal-Istat, Public Broadcasting Services Limited (PBS) ixxandar u tippubblika stqarrijiet li joħorġu minn diversi organizzazzjonijiet u hekk għamlet fil-każ ta' l-istqarrija maħruġa minn MGRM. Din kienet intbagħtet lil PBS u kien fiha r-rejazzjoni tal-istess MGRM għall-allegazzjoni li Abner Aquilina, is-suspettat fl-omiċidju ta' Paulina Dembska kellu konnessjoni ma' River of Love li kienet assoċjata wkoll mal-materja kontroversjali ta' *gay conversion therapy*. Spjega illi r-ritratt ta' Gordon Manche' ġie pubblikat flimkien mal-artikolu minħabba li fl-istqarrija ta' MGRM, saret referenza għall-omiċidju li kien seħħ jumejn qabel u wissa wkoll li l-persuni li jattendu għal laqgħat immexxija mill-attur fi ħdan River of Love, fosthom Abner Aquilina, kienu qed jiġu esposti għal perikoli konnessi ma' prattiċi intiżi biex jibdlu l-orjentazzjoni sesswali ta' persuni omosesswali.

Il-Qorti trid tibda billi tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni, stabbilit mill-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (l-Att), huwiex sodisfatt fil-każ ta' din il-pubblikazzjoni partikolari. Din id-dispożizzjoni legali tistipola illi stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja, lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba u, f'każ ta' korp li jopera għal profitt, telf finanzjarju serju.

Għad-determinazzjoni tal-kriterju tal-ħsara serja għall-fini tal-Artikolu 3(4) tal-Att, jeħtieġ qabel xejn li jiġi stabbilit x'inhi l-imputazzjoni li titnissel mill-istqarrijiet impunjati f'din il-kawża, ċitati iktar qabel. Jingħad illi fl-istħarriġ tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni diffamatorja fil-konfront tal-persuna aggravata, għandu jigi stabbilit jekk mill-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni, persuna raġjonevoli u ta' intelliġenza ordinarja ("*an ordinary, reasonable person*"), tkun kapaċi tifhem dik l-istqarrija bħala waħda li minnha raġjonevolment tinsilet l-imputazzjoni impunjata.

Għandu jingħad ukoll illi huwa wkoll prinċipju stabbilit fil-liġi tad-diffamazzjoni illi fid-determinazzjoni dwar jekk l-artikolu impunjat iwassalx imputazzjoni li hi diffamatorja, **huwa l-artikolu kollu u mhux biss l-istqarrijiet impunjati**

**speċifikatament mill-persuna aggravata**, li għandhom jinqraw u jiġu kkunsidrati. It-test huwa wieħed oġġettiv li jfisser li għandu jittieħed neċessarjament in konsiderazzjoni l-kuntest **kollu** tal-pubblikazzjoni biex jiġi stabbilit jekk il-pubblikazzjoni twassal imputazzjoni li hija diffamatorja[4].

Il-Qorti tibda biex tosserva li l-artikolu jikkonsisti, in parti, minn rapport dwar stqarrija li ġiet ippubblikata fit-3 ta' Jannar 2022 mill-organizzazzjoni non-governattiva Malta Gay Rights Movement (MGRM) fuq il-paġna tiegħu fuq Facebook, liema stqarrija ġiet esebita fl-atti (Dok. CD3).

F'din l-istqarrija, li torbot il-qtil ta' Pauline Dembska mal-persuna li kienet suspettata li kkommettiet l-istess, Abner Grech, l-MGRM irribadixxa t-twissijiet li kien ilu jagħmel lil persuni vulnerabbli biex ma jingħaqdux mal-moviment River of Love minħabba li l-moviment kien tella' diversi paġni fuq Facebook biex jikkonvinċu lil persuni bi problemi biex jirkorru għand Gordon Manche' u ċertu Matthew Grech għaliex jistgħu jfejquhom.

L-istqarrija tgħid: "*What we do know is that prominent 'members of the church consider the man who is arrested to be their 'brother'. We have been warning of clear instances of vulnerable people being taken in by River of Love. Multiple facebook pages have been set up to convince people that there is something wrong with them and people like Gordon Manche and Matthew Grech have the ability to fix it.*"

Għandu jiġi senjalat illi l-artikolu impunjat ma jirrapportax biss l-istqarrija ta' MGRM dwar l-allegat konnessjoni bejn l-attur tramite l-Komunita' River of Love, u s-suspettat imsemmi fl-istqarrija ta' MGRM, Abner Grech, iżda tabilħaqq jikkonsolida din il-konnessjoni billi immedjatament taħt it-titolu ġew ippubblikati żewġ ritratti mdaqqsin, wieħed tal-attur Gordon Manche u l-ieħor ta' Abner Grech. L-artikolu

---

[4] Fid-deċiżjoni fil-każ ċelebri **Jeynes v. News Magazines Ltd** - (2008) EWCA Civ 130, p. 14 - ġie ritenut awtorevolment illi "*(1) the governing principle is reasonableness. ... (5) The article must be read as a whole, and any 'bane and antidote' taken together...*"

jamplifika wkoll fuq il-materja tal-allegat prattika ta' *gay conversion therapy* mill-attur fi ħdan il-moviment River of Love, kif mistqarr mill-MGRM, billi jagħmel referenza għal (i) pubblikazzjoni preċedenti f'Times of Malta fejn ġiet rapportata ċ-ċaħda tal-attur Gordon Manche li Abner Aquilina kien membru tal-moviment River of Love u d-dikjarazzjoni tiegħu li l-moviment ma kellu xejn x'jaqsam miegħu (Dok. 2OG) u (ii) vidjo li allegatament ittieħed lejn l-aħħar tas-sena preċedenti li juri lill-imsemmi Abner Aquilina flimkien ma' membru prominenti ieħor tal-moviment fejn jirriferi għalih bħala '*brother*'.

Minn dan kollu, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni li evidentement titnissel f'moħħ il-qarrej minn qari <u>sħiħ</u> tal-ewwel artikolu impunjat f'din l-azzjoni hi (i) li l-Moviment River of Love huwa involut f'attitiva' illegali u kriminali[5] konsistenti f'*gay conversion therapy*; u (ii) meħud qies ukoll, bħala parti mill-pubblikazzjoni, tar-ritratti tal-attur u ta' Abner Grech, li l-Moviment River of Love għandu xi xejra ta' rabta ma' persuna suspettata li kkommettiet delitt kriminali konsistenti f'omiċidju makabru.

Fil-fehma tal-Qorti, l-imputazzjonijiet fihom propensita' diffamatorja li kapaċi tikkaġuna ħsara sejra lir-reputazzjoni tal-attur Gordon Manche' għaliex indubbjament, il-qarrej ordinarju u raġjonevoli ma jistax ma jistmerrx u ma jwarrabx persuna li tipprattika attivita' li tisfrutta lil min hu vulnerabbli tant li tikkostitwixxi reat kriminali punibbli bi priġunerija, u li tassoċja wkoll ma' persuni suspettati bit-twettiq ta' delitti kriminali ferm iktar gravi.

Mhux hekk biss, ġie ppruvat ukoll l-element ta' xejra ta' impatt ta' ħsara serja. L-attur xehed bil-ġurament illi b'riżultat tal-pubblikazzjoni tal-artikolu impunjat, huwa spiċċa kien aggredit fit-triq u mhedded u mgħajjar li hu qattiel u li jxerred id-demm meta ma għandu x'jaqsam xejn ma' Abner Grech u kien hemm ukoll persuni membri tal-

[5] Kap. 567 tal-Liġijiet ta' Malta, Att dwar l-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identita' tal-Ġeneru u l-Espressjoni tal-Ġeneru, jikkriminalizza attivitajiet ta' din ix-xorta.

komunita', li beżgħu jassoċjaw ruhom ma' River of Love[6] minħabba dak li ġie pubblikat. Il-Qorti tosserva li x-xhieda tal-attur fir-rigward hija kompatibbli mal-kummenti pubbliċi fuq Facebook u midja soċjali li jidher li saru wara l-pubblikazzjoni tal-artikolu impunjat, fl-4 ta' Jannar 2022[7].

Billi wkoll l-artikolu ġie pubblikat f'mezz tal-mass midja ċioe' fuq *online news portal* fejn tezisti preżunzjoni ta' pubblikazzjoni estensiva b'mod li jkun wasal għand udjenza kbira, kollox magħdud il-Qort tqis illi ġie ppruvat sodisfaċjentement it-tifsira diffamatorja tal-imputazzjonijiet kif ukoll l-impatt ta' ħsara serja lir-reputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi iżda safejn l-azzjoni ġiet proposta minn River of Love bħala Komunita', għad illi jidher li din il-Komunita' għandha personalita' ġuridika bħala organizzazzjoni volontarja reġistrata skont il-liġi, il-Qorti ma tqisx illi ntlaħqu l-kriterji meħtieġa għall-azzjonabbilita' tal-allegat malafama kif propost minn din l-entita'.

Kif rajna, l-artikolu 3(4) tal-Att jipprovdi li stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba. L-istess dispożizzjoni legali mbagħad tipprovdi li fil-każ li l-persuna li tħossha aggravata bl-istqarrijiet allegatament diffamatorji, tkun korp li jopera għal profitt, il-ħsara lir-reputazzjoni ma titqiesx li hija ħsara serja sakemm ma tkunx ikkawżat jew tkun ser tikkawża telf finanzjarju serju. Wara kollox, l-għan tal-azzjoni għal malafama hu l-vindikazzjoni tal-ħsara kkaġunata lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata b'riżultat tal-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet diffamatorji, u dan bil-likwidazzjoni u ħlas ta' danni morali biex jikkumpensaw għal dik il-ħsara[8].

---

[6] Xehed ukoll li anke wliedu għaddew minn fażi fejn kienu soġġetti għal bullying l-iskola b'rabta mal-istess allegazzjonijiet, fil-waqt li l-professsjoni ta' martu li hija psikologa wkoll marret lura. Madankollu, dawn il-persuni ma ġewx imressqa biex jixhdu dwar dan.

[7] Ara Dok. L u Dok. N annessi man-nota tat-13 ta' Marzu 2023.

[8] Blackstone, fil-kummenti tiegħu dwar il-liġi tal-malafama taħt id-Defamation Act UK (2013), jgħid illi similment għall-pożizzjoni taħt id-dritt komuni:- "*... a statement must surely still have the effect of lowering the claimant*

Iżda fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, il-Komunita' Evanġelika River of Love bħala l-persuna aggravata bil-pubblikazzjoni tal-konvenuti, la hi persuna naturali, ċioe' ċittadin privat jew persuna pubblika li soffriet ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha, u lanqas jirrizulta li hi korp li jopera għal profitt. Tabilħaqq il-liġi tal-malafama tapplika għal soċjetajiet u korpi oħrajn li joperaw bi qligħ - anke jekk l-attivita' li tiġġenera l-profitt tkun tifforma biss parti żgħira mill-operazzjonijiet tal-korp - biex jiġi tutelat is-suċċess kummerċjali u l-vijabbilita' ta' kumpanniji għall-benefiċċju tal-azzjonisti u impjegati tagħhom. Dan qed jingħad għaliex korp ma jistax isofri ħsara fir-relazzjonijiet soċjali tiegħu jew ħsara emozzjonali b'riżultat tal-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet malafamanti iżda jista' jsofri ħsara biss f'termini finanzjarji ċioe' fit-tnaqqis fil-valur tal-assi, inkluż *goodwill* tal-korp liema tnaqqis issarraf fl-aħħar mill-aħħar f'telf ta' profitti.

Gatley jgħid hekk dwar il-persuni li jistgħu u li ma jistgħux iresssqu azzjoni għal malafama:-

"*While a trading corporation is clearly a 'body that trades for profit', the Act is not limited to such entities: any non-natural person* ***that trades for profit whether that is their only or merely a minor part of their purpose****, will be covered. Thus, charities may fall within the provision,* ***in so far as they are involved in trade for profit****, as may non-governmental organisations, trade unions and employers' associations, and public bodies."*[9]

Il-ħsieb wara dan l-insenjament huwa mfisser hekk minn Gatley:-

*in the estimation of 'right thinking members of society generally' if it is to be defamatory".* - Blackstone's Guide to the Defamation Act 2013. (Oxford University Press, 2013) - 2.42, page 22.

[9] Intqal ukoll, iktar riċentement illi jekk il-kummerċ eżerċitat minn istituzzjoni tal-karita' jew organizzazzjoni non-governattiva jikkostitwixxi biss parti żgħira tal-operat tal-korp u tal-iskop iktar wiesa' tal-attivitajiet tiegħu u ma jkunx eżerċitat bl-iskop tad-distribuzzjoni tal-profitti lill-azzjonisti jew il-membri, dan ukoll ikun biżżejjed għall-azzjonabbilita' tal-malafama. Enfasi tal-Qorti.

"*What seems clear is that the requirement that serious financial loss must be caused or be likely, recognises that such bodies, unlike human beings, can only be damaged in their pocket and consequently an injury must sound in money*."[10]

Għaldaqstant, fejn il-korp ma joperax għal profitt, ma jistax ibati telf finanzjarju[11].

Fil-każ tal-Komunita' Evanġelika River of Love, ma nġiebet ebda prova li din topera għal profitt jew twettaq xi attivitajiet li minnhom jiġi ġenerat xi forma ta' qligħ għall-organizzazzjoni. Fil-fatt, il-Qorti fehmet illi l-allegazzjoni ta' Karen Grima u George Vella Bencini li biex wieħed jassoċja mal-Komunita' jeħtieġ li jagħti persentaġġ tas-salarju tiegħu fix-xahar lill-istess Komunita', ġiet miċħuda mill-atturi. Anke jekk għal mument, kellu jiġi aċċettat illi bħala effett tal-allegat malafama, persuni li setgħu potenzjalment jissieħbu mal-organizzazzjoni kienu ġew skoraġġiti milli jissieħbu b'mod li kkaġuna diffikoltajiet għat-twettiq tal-missjoni kristjana jew oġġettivi reliġjużi tagħha, jibqa' l-fatt illi ma ġiex prodott fl-atti proċesswali l-istatut tal-organizzazzjoni biex jiġi stabbilit l-oġġettivi tal-Komunita' u l-miri tagħha u lanqas xi prova li turi li l-entita' sofriet danni f'termini finanzjarji.

Għaldaqstant, ma jistax jingħad illi l-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni ġie sodisfatt in kwantu għall-Komunita' Evanġelika River of Love u konsegwentement, l-azzjoni kif proposta minnha, ma tistax tirnexxi.

Ikkunsidrat;

Dan stabbilit, jinħtieġ li jiġi mistħarreġ jekk il-konvenuti seħħilhom inqanqlu b'suċċess mill-inqas waħda mid-difiżi maħsuba taħt l-Att, għaliex b'hekk jiġi newtralizzat l-element diffamatorju fil-konfront tal-attur Gordon-John Manche'.

---

[10] Gatley, *ibid.* Second Supplement to 12th Ed. (2017) 2.8, p. 13.

[11] *"It is suggested that the better view may be that if the activities of a charity or similar organisation include trading for profit they should be treated as falling within s.1(2)"*.

Owen Galea l-awtur tal-artikolu u Charles Dalli l-editur, eċċipew id-difiża taħt l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, imsejħa pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku (*public interest defence*) u l-Qorti tqis li jkun opportun li l-ewwel tibda biex tittratta din l-istss difiża.

L-artikolu 5 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama jiddisponi:

*1) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li –*
*(a) id-dikjarazzjoni li dwarha sar l-ilment kienet, jew kienet tifforma parti minn, dikjarazzjoni ta' materja ta' interess pubbliku; u*
*(b) il-konvenut raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku.*

Din id-difiża, li hija disponibbli lil kull min jippubblika dwar materja ta' interess pubbliku – għad illi għandha valur speċjali għall-ġornalist - hija l-prodott ta' żviluppi ġurisprudenzjali tal-privileġġ bażiku li dejjem ingħata lir-rapportaġġ dwar materji ta' interess pubbliku (*reporting privileges*), liema privileġġ isib l-oriġini tiegħu fil-fatt illi:-

"*... the information was already public and a newspaper carrying the report was doing no more than bringing it to the attention of its legitimate audience:* [however, these reporting privileges] *... offered no protection to material originated by the newspaper or to 'investigative journalism'.*"[12]

Din is-sitwazzjoni nbidlet bid-deċiżjoni fil-każ **Reynolds v. Times Newspapers Ltd** fejn l-iskop tal-protezzjoni li ngħatat lill-midja ġie estiż għaliex "*the protection does not depend on the extent to which the maker of the statement has made proper investigations: ... the issue is whether the defendant acted honestly (i.e. without malice)...*"[13]

---

[12] Gatley, On Libel and Slander, 2013 Ed. 14.1, p. 532.
[13] Gatley, *ibid.* 14.2, p. 534.

Din id-difiża llum ġiet kodifikata b'kriterji speċifiċi sija taħt id-Defamation Act UK 2013 u sija wkoll taħt l-Artikolu 5 tal-Att (riproduzzjoni *verbatim*), fejn il-konvenut irid qabel xejn jissodisfa r-rekwiżit li l-pubblikazzjoni, *in toto* jew in parti, irid ikun dwar materja ta' interess pubbliku.

L-Att ma jipprovdix definizzjoni jew linji gwida dwar it-tifsira tal-kunċett ta' interess pubbliku sewwasew biex din il-kwistjoni tiġi deċiża mill-qorti skont il-każ li jkun. Fil-fehma ta' din il-Qorti, iżda, l-oqsma tal-amministrazzjoni tal-gvern, kondotta politika u involviment f'reati serji, ilkoll għandhom jitqiesu b'mod ġenerali li huma materji ta' interess pubbliku, għaliex huma materji:-

"... '*such as to affect people at large, that they may be legitimately interested in, or concerned at, what is going on; or what may happen to them or to others*."[14]

Ukoll, jitqies li huwa ta' interess pubbliku materja li tikkonċerna:

"*... the conduct of any person that inherently, expressly or inferentially invited public criticism or discussion.*"[15]

F'*Reynolds*, Lord Nicholls irrimarka illi "*the court should be slow to conclude that a publication was not in the public interest and, therefore, the public had no right to know, especially when the information is in the field of politicial discussion. Any lingering doubts should be resolved in favour of publication*"[16].

Għandu jingħad ukoll li huwa d-dmir tal-press li jinforma lill-pubbliku dwar materji li huma ta' interess pubbliku, filwaqt li huwa dritt tal-pubbliku li jirċievi informazzjoni u

---

[14] Collins, *supra*, 9.86, p. 213.

[15] **John Fairfax Publications Pty Ltd. V. Hitchcock** (2007) NSWCA 364 70 NSWLR 484 para. 143. Gatley jelenka serje ta' materji oħrajn li skont diversi deċiżjonijiet tal-qrati in tema tal-kunċett tal-interess pubbliku, ġew meqjusa bħala ta' interess pubbliku:- *"... the business of government and political conduct; ... the fair and proper administration of justice; ... the conduct of the police; cheating, corruption ... involvement in serious crimes; corporate malpractice; ..."*

[16] P. 205 tas-sentenza.

ideat dwar materji bħal dawk. Bl-istess mod, il-ġornalist li jirċievi l-informazzjoni għandu dmir li, wara li jagħmel il-verifiki opportuni biex jassigura li din hi miksuba minn sorsi affidabbli u jkollha bażi fattwali soda, iwassalha lill-pubbliku b'mod imparzjali, akkurat, oġġettiv u sħiħ.

Għalkemm mhux meħtieġ illi kull silta fil-pubblikazzjoni tiġi ġustifikata bħala materja ta' interess pubbliku, jista' jkun il-każ fejn għalkemm minn perspettiva wiesa', is-soġġett in materja fil-pubblikazzjoni jitqies li huwa ta' interess pubbliku ġenerali, l-istqarrija speċifika taħt skrutinju ma tkunx meqjusa waħedha, dwar materja ta' interess pubbliku. Madankollu, għandu jingħad illi biex jiġi determinat jekk ġietx ippubblikata dwar materja ta' interess pubbliku, l-istorja trid tittieħed b'mod sħiħ u jeħtieġ f'kull każ illi jiġi determinat jekk huwiex raġjonevoli li l-istqarrija speċifika impunjata titqies bħala parti mill-materja li hija ta' interess pubbliku (hawnhekk jidħol l-element tal-ġudizzju editorjali tal-pubblikatur, '*editorial judgement*').

L-istqarrijiet impunjati b'mod speċifiku mill-attur fl-ewwel artikolu (miktub minn Owen Galea), meqjusin mill-ottika tal-ġornalist, jittrattaw il-materja ta' prattika kriminalizzata li allegatament ilha għal diversi snin tiġi promossa b'mod attiv mill-attur u l-Komunita' reliġjuża mmexxija minnu biex persuni omosesswali jiġu persważi jibdlu l-orjentazzjoni sesswali tagħhom. Kif taraha l-Qorti, il-pubbliku għandu interess leġittimu li jirċievi informazzjoni dwar prattiċi potenzjalment abbużivi jew illegali li jkunu qed jitwettqu jew jiġu reklamati fil-pubbliku, *multo magis* meta dawn il-prattiċi jsiru taħt il-kappa ta' insenjament reliġjuż jew direzzjoni spiritwali. Kif ingħad diġa', *gay conversion therapy* u xejriet oħrajn ta' trattament jew prattiċi li huma intiżi biex jibdlu l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna, ġiet kriminalizzata f'Malta fl-2016. Għaldaqstant, il-pubblikazzjoni minn *news portal* ta' stqarrija magħmula minn organizzazzjoni li taħdem sewwasew favur id-drittijiet ta' persuni b'orjentazzjoni omosesswali, bi twissija kontra prattiċi bħal dawn li jagħmlu ħsara lil persuni vulnerabbli u li qegħdin jitwettqu minn organizzazzjoni reliġjuża, ma tistax ma titqiesx, raġjonevolment, bħala materja ta' interess pubbliku. *Multo magis* meta

din l-istqarrija saret fl-isfond ta' omiċijdu makabru fejn ġie stabbilit xejra ta' konnessjoni bejn is-suspettat u l-istess organizzazzjoni reliġjuża -.

Kif diġa' ngħad qabel, l-artikolu impunjat ma jirrapportax biss lill-istqarrija ippubblikat minn MGRM in konnessjoni mal-allegat prattika ta' konverżjoni sesswali li ssir fi ħdan River of Love, iżda jirreferi għal pubblikazzjonijiet oħrajn preċedenti fil-midja b'rabta ma' din l-allegazzjoni: "*In recent years, the River of Love has been in the news for several reasons. Among other things because of illegal practices through which they practised gay conversion therapy – ostensibly to cure gays and make them straight.*" Din id-dikjarazzjoni wkoll għandha titqies bħala materja ta' interess pubbliku għaliex tittratta l-istess soġġetta-materja tal-istqarrija tal-MGRM, speċifikatament impunjata mill-atturi, u tifforma parti integrali mill-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, ċioe' l-materja tal-konverżjoni tal-orjentazzjoni sesswali ta' persuni omosesswali bi prattiċi spiritwali jew reliġjużi, liema prattiċi mhux biss huma kontroversjali u wkoll potenzjalment illegali taħt l-Att dwar l-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identita' tal-Ġeneru u l-Espressjoni tal-Ġeneru, iżda huma wkoll ta' ħsara potenzjali għal persuni vulnerabbli.

L-istess l-imputazzjoni tal-konnessjoni bejn l-attur bħala l-mexxej ta' River of Love, u Abner Aquilina, is-suspettat fid-delitt tal-omiċidju ta' Pauline Dembska: il-fatt li moviment reliġjuż immexxi mill-attur, li huwa magħruf għall-pożizzjoni pubblika tiegħu kontra persuni omosesswali u favur il-konverżjoni tal-orjentazzjoni sesswali ta' persuni bħal dawk, jista' jkollu konnessjoni ma' persuna li hija suspettata li kkommettiet delitt makabru ta' stupru u omiċidju, fil-fehma tal-Qorti jifforma parti mill-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku.

Stabbilit l-interess pubbliku tal-materja tal-pubblikazzjoni impunjata, imiss li jiġi mistħarreġ it-tieni rekwiżit li jeħtieġ li jiġi sodisfatt biex ir-rapportaġġ dwar materja ta' interess pubbliku jingħata l-protezzjoni tal-liġi, ċioe' jekk il-pubblikatur raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku. Din il-prova tiġi mxejna jekk jintwera li l-pubblikatur

mexa bil-malizzja jew malafede. Hawnhekk għandu jingħad ukoll illi fl-istħarriġ dwar it-tieni rekwiżit għas-suċċess tad-difiża tal-pubblikazzjoni dwar materjal ta' interess pubbliku, "*the truth or falsity of the allegation complained of is not one of the relevant circumstances* [of the reasonable belief test]".[17]

Dan it-tieni rekwiżit jeħtieġ li jiġi sodisfatt sija mill-perspettiva soġġettiva tal-pubblikatur kif ukoll mil-lat oġġettiv u dan billi jiġi stabbilit li l-pubblikatur aġixxa skont standards ta' *responsible journalism*[18].

*Il-Kriterju Oġġettiv*

Il-liġi, fid-dispozizzjonjiet tal-Att li jirregolaw id-difiza tal-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, tipprovdi li fid-deċiżjoni dwar jekk kienx raġonevoli għall-konvenut li jemmen li l-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet fl-interess pubbliku, il-Qorti għandha tippermetti ġudizzju editorjali.

Il-kunċett tal-ġudizzju editorjali ġie mfisser mill-House of Lords fid-deċiżjoni fil-każ **Flood v Times Newspapers Limited** (2012), hekk:-

"*although the question of whether the story as a whole as a matter of public interest must be determined by the court, the question of whether defamatory details should have been included is often a matter of how the story should have been presentend. On that issue, allowance should be made for editorial judgement*".[19]

Jingħad ukoll li għall-fini tal-eżerċizzju fejn għandu jiġi determinat jekk ir-rapportaġġ taħt skrutinju huwiex konformi mal-kriterji ta' ġornaliżmu responsabbli, il-ġornalisti

[17] **Economou v. De Freitas** (2016) EWHC 1853 (QB). Ġie ritenut ukoll: "*It is not necessary or relevant to determine whether the publication was true or not. None of Lord Nicholls 10 considerations require such a determination and some of them (for example number 8), positively suggest otherwise.*" – **GKR Karate (UK) Ltd v. Yorkshire Post Newspapers Ltd** (2001) 1 WL 2571 at 2578-2579.
[18] **Flood v. Times Newspapers Ltd.**, Lord Mance qal "*it will not be, or is unlikely to be, in the public interest to publish material which has not been the subject of responsible journalistic inquiry and consideration*".
[19] Per Lord Dyson – Gatley 15.7 ("*Inclusion of the material complained of*") p. 647

għandhom igawdu minn kejl wiesa' ta' diskrezzjoni u apprezzament professjonali u l-qrati għandhom jevitaw li jissostitwixxu l-fehmiet tagħhom dwar liema teknići tar-rapportaġġ kellhom jiġu addottati fil-każ speċifiku[20]. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh illi l-istandard li huwa mistenni minn ġornalist responsabbli m'huwiex il-perfezzjoni: il-pożizzjoni għandha tiġi analizzata komplessivament b'dan illi ommissjonijiet jew ineżattezzi fir-rapportaġġ li, meqjus il-kuntest sħiħ, jistgħu jitqies li huma minuri fir-rapportaġġ, ma għandhomx ikunu fatali għal din id-difiża. Fil-fatt, il-Qorti tal-Appell fil-każ **Economou v. De Freitas**[21] osservat illi l-kejl ta' '*reasonable belief*' ma għandux ikun baxx wisq.

Il-perspettiva oġġettiva teħtieġ li ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ jiġu kkunsidrati, fosthom iżda mhux limitatament, il-materji identifikati minn Lord Nicholls fid-deċiżjoni **Reynolds v. Times Newspapers Ltd**[26], f'lista mhux eżawrjenti ta' ċirkostanzi li huma relevanti għall-materja dwar jekk l-i*standards* ta' ġornaliżmu responsabbli, intlaħqux fil-każ taħt eżami.

Lord Nicholls elenka s-segwenti kriterji:-

1. *The seriousness of the allegation. The more serious the charge, the more the public is misinformed and the individual harmed, if the allegation is not true.*
2. *The nature of the information, and the extent to which the subject-matter is a matter of public concern.*
3. *The source of the information. Some informants have no direct knowledge of the events. Some have their own axes to grind, or are being paid for their stories.*
4. *The steps taken to verify the information.*
5. *The status of the information. The allegation may have already been the subject of an investigation which commands respect.*
6. *The urgency of the matter. News is often a perishable commodity.*

---

[20] Ara **Eerikainen v. Finland** (ECHR) 10 ta' frar 2009.
[21] 2019, EMLR 128, CA.

*7. Whether comment was sought from the plaintiff. He may have information others do not possess or have not disclosed. An approach to the plaintiff will not always be necessary.*
*8. Whether the article contained the gist of the plaintiff's side of the story.*
*9. The tone of the article. A newspaper can raise queries or call for an investigation. It need not adopt allegations as statements of fact.*
*10. The circumstances of the publication, including the timing.*

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-konvenuti pproduċew fl-atti kopji ta' diversi pubblikazzjonijiet fil-midja li kienu diġa' rrapportaw dwar l-involviment ta' River of Love fil-prattika ta' konverżjoni tal-orjentazzjoni sesswali, fosthom:

(i) stqarrija pubblikata fuq www.Di-ve.com (Malta Gay News Library) fis-6 ta' Mejju 2011 (Dok. CD4) '*Protest planned over "gay conversion" event*' li tirriferi għal post imtella' l-ġurnata ta' qabel fuq Facebook minn Gordon-John Manche' fejn ħabbar li kien ser isir event spritiwali bl-isem '*Gay no more – made new by the coming of Christ*' fiċ-ċentru ta' River of Love Fellowship ġewwa Ħaż Żebbuġ;

(ii) artikolu pubblikat fuq www.maltatoday.com.mt fis-7 ta' Mejju 2011 (Dok. CD7) li rrapporta t-tħassir tal-protesta li kienet ġiet organizzata b'rabta mal-event reklamat fuq Facebook minn Gordon-John Manche' '*Gay no more – Made new by the power of Christ*', u l-kundanna ta' diversi organizzazzjonijiet fosthom KNŻ u MGRM ta' attivitajiet. Dan l-artikolu irrapporta wkoll il-verżjoni tal-istess Manche' li innega li l-attivita' kienet sejra tippromwovi xi terapija ta' konverżjoni, sostna li l-persuni li kienu sejrin jitkellmu fl-attivita' dwar l-esperjenzi tagħhom kienu ġew konvertiti minn Ġesu u, meta ġie mistoqsi għaliex persuni omosesswali jeħtieġ li jiġu konvertiti minn Kristu, sostna li skont it-twemmin Kristjan, l-omosesswalita' huwa dnub;

(iii) artikolu pubblikat fid-9 ta' Mejju 2011 (Dok. CD5) fejn irrapporta ċ-ċaħda ta' mart l-attur, Mariella Blackman meta ġiet mistoqsija mill-imsemmi *news*

*portal* jekk toffrix servizzi ta' '*Christian reparative treatment for homosexuals*', liema ċaħda madankollu hija talbet li tiġi pubblikata biss jekk in-*news portal* ma jsemmix li hija miżżewġa lil Manche', talba li evidentement ġiet rifjutata, liema artikolu jirriferi wkoll għall-istess 'conversion event' li kien ġie mħabbar fl-istess żmien minn Gordon-John Manche' fuq Facebook;

(iv) artikolu ppublikat minn Daphne Caruana Galizia fit-22 ta' Mejju 2011 (Dok. CD6) li jirreferi għal pubblikazzjoni imtella' minn Gordon Manche' b'rakkont tal-verżjonijiet ta' tliet irġiel li qalu li kienu omosesswali sakemm ġew ikkonvertiti minn Alla;

(v) artikolu pubblikat fuq www.timesofmalta.com bit-titolu '*Pastor's wife tried to cure disgusting homosexual*' fl-21 ta' Ġunju 2015 (Dok. 13OG), b'rapport dwar l-allegazzjonijiet magħmula lill-gazzetta minn persuna omosesswali, li xtaqet tibqa' anonima, li kien sostna l-psikologa Mariella Blackman, mart Gordon-John Manche', li kien mar għandha għal sessjonijiet ta' counselling, kienet qaltlu li setgħet tfiequ mill-omosesswalita' bl-għajnuna ta' żewġha u flimkien miegħu kienu wettqu fuqu ritwal simili għall-eżorċiżmu waqt waħda minn dawn is-sessjonijiet. Ġie rapportat ukoll il-verżjoni ta' Mariella Blackman, li ċaħdet li kienet wettqet din ix-xorta ta' terapija jew li żewġha kien involut u ddeskriviet l-allegazzjonijiet li ġew rapportati bħala "[a] *lie from the pit of hell*".

(vi) artikolu pubblikat minn Maltatoday fit-23 ta' Ottubru 2018 (Dok. CD8) dwar il-kundanna pubblika mill-Gvern tal-pubblikazzjoni fuq mezzi tax-xandir u midja soċjali ta' kummenti pubbliċi magħmula fuq X-Factor minn ċertu Matthew Grech – li fl-artikolu ġie deskritt bħala "*a member of the religious group River of Love that had promoted gay conversion therapy*" – fejn qal li qabel sab lil Alla u ġie konvertit, huwa kien "*a 'sinful homosexual'*", liema kummenti kienu ġew interpretati bħala "*a promotion of gay conversion therapy*";

(vii) artikolu pubblikat fuq www.lovinmalta.com fit-22 ta' Ottubru 2018 (Dok. CD9), li fih ir-rejazzjoni ta' Gordon-John Manche' ('*Hypocrisy made in*

*Malta*') u ddeskriva l-kundanna tal-kummenti ta' Matthew Grech fuq X-Factor, bħala manifestazzjoni tal-ipokresija tas-soċjeta' Maltija; u

(viii) pubblikazzjoni fuq 'The Christian Post' (mhux datat) fejn ġew rapportati l-kummenti ta' Matthew Grech – persuna li jirriżulta li ddeskriva lilu nnifsu bħala "*membru ddedikat f'River of Love*"[22] - fuq X-Factor kif ukoll l-istqarrija pubblikata mill-Gvern u l-kontenut tal-artikoli pubblikati fuq Times of Malta u The Independent fir-rigward, u fejn ġie rapportat ukoll: "*The River of Love movement has been in the Maltese media for carrying out gay conversion therapies, according to the Independent. Christian groups or churches that provide counselling to persons who experience unwanted same-sex attractions are sometimes accused of providing gay conversion therapy*."

(ix) Artikolu pubblikat fuq www.mirror.co.uk (Sunday Mirror) fil-15 ta' Mejju 2021 fejn ġie rapportat li l-ġornalist tal-gazzetta, Daniel Harding, ippoża bħala 'Joe Willis' biex jagħmel kuntatt permezz ta' video-call ma' Matthew Grech, "*co-director of Christian fundamentalist charity Core Issues Trust, which claims to have helped people overcome same-sex attraction' and in some cases 'leave homosexuality behind*'". F'dan l-artikolu, ġew riprodotti l-kliem ta' Matthew Grech li qal lill-ġornalist li l-omosesswalita': "*robs* [gay people] *of family as God intended family to be*" u li hemm ħafna riperkussjonijiet, u r-rejazzjoni tal-ġornalist Daniel Harding "*it felt like I was venturing into a cult. It's atrocious and should be stopped immediately*.; u

(x) Artikolu pubblikat fuq www.lovinmalta.com fit-18 ta' Ġunju 2021 intitolat "*Matthew Grech Tried to Convert An Undercover British Journalist in Conversion Therapy Expose*"' li jirrapporta essenzjalment is-sostanza tal-artikolu pubblikat fuq www.mirror.co.uk, fuq imsemmi.

Minn dan kollu, huwa ovvju mill-lat oġġettiv li l-konvenuti kienu raġjonevolment ġustifikati jemmnu li l-istqarrija ta' MGRM u l-imputazzjoni speċifika dwar il-prattiċi

[22] Ara Dok. 9 OG, Dok. 10 OG u Dok. 11 OG, mehmużin mal-Affidavit ta' Owen Galea.

li jitwettqu fi ħdan il-komunita' River of Love, kienet pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku. L-istess id-dikjarazzjoni li l-attur u River of Love kienu ssemmew f'diversi pubblikazzjonijiet fil-midja matul is-snin b'rabta mal-materja ta' *gay conversion therapy*.

Għandu jingħad illi għalkemm il-fatt illi l-konvenuti evidentement irrapportaw allegazzjonijiet potenzjalment diffamatorji li kienu saru f'pubblikazzjonijiet preċedenti fil-midja, ma jeħlsihomx mir-responsabbilita' għal malafama, fl-istess ħin għandu jingħad illi l-fatt illi l-allegazzjonijiet kienu diġa' ġew pubblikati fil-midja jżid sostanzjalment l-inferenza illi l-passi li ttieħdu biex tinġabar u tiġi pubblikata l-informazzjoni, kienu responsabbli.

B'żieda ma' dan kollu, ġie inkonfutabbilment stabbilit mill-provi li ressqu l-konvenuti li Matthew Grech huwa persuna li kkonvertiet minn orjentazzjoni omosesswali għal waħda eterosesswali u li jippromwovi attivament din il-konverżjoni sesswali tramite l-parteċipazzjoni tiegħu f'komunita' Kristjana. Il-konnessjoni bejn Matthew Grech, u l-attur u River of Love, hija ammessa mill-attur innifsu, li fix-xhieda tiegħu stqarr illi Matthew Grech huwa wieħed mill-persuni li jmexxu t-tifħir ('*worship*') u l-kant fi ħdan il-Komunita' River of Love. Kif jirriżulta minn uħud mill-pubblikazzjonijiet imsemmija hawn fuq, Matthew Grech ukoll ġie rapportat jiddeskrivi lilu nnifsu bħala membru ddedikat fil-Komunita' River of Love.

Għandu jingħad ukoll illi f'kull każ, l-inferenza li River of Love attivament tippromwovi xi xorta ta' fejqan minn stil ta' ħajja li huwa kompatibbli mal-omosesswalita', hija ulterjorment imsaħħa mix-xhieda ta' George Vella Bencini u oħtu Karen Grima li xehdu kif l-attur Gordon-John Manche' u martu kienu għamluha ċar li biex jitlaqgħu u jkollhom relazzjoni ma' ħuthom bijoloġiċi, li kienu addottati minn koppja li kienet assoċjata fil-komunita' ta' River of Love, kellhom jassoċjaw ruħhom ukoll mal-Komunita' u in kwantu speċifikatament George Vella Bencini nnifsu, persuna omosesswali, kellu qabel xejn jikkonverti l-orjentazzjoni sesswali tiegħu u ma

jibqax jgħix l-istil ta’ ħajja ta’ persuna gay, u jattendi għal sessjonijiet ta’ terapija għal dan l-iskop fi ħdan il-Komunita’.

Miżmum ferm dan kollu, il-Qorti tqis illi n-nuqqas tal-konvenuti li jattendu fiżikament għal xi laqgħa tal-Komunita’ biex jiddeterminaw jekk huwiex minnu li jseħħu prattiċi ta’ konverżjoni, qabel ippubblikaw l-artikolu impunjat, ma jistax jinnewtralizza l-konklużjoni tagħha illi l-ġornaliżmu kien wieħed responsabbli.

Illi għall-bqija, safejn għandha x’taqsam l-imputazzjoni l-oħra mnissla mill-artikolu impunjat, inkluż mir-ritratti tal-attur u tal-imsemmi Abner Aquilina ippubblikati b’mod prominenti bħala parti mill-artikolu, ċioe’ li River of Love għandha rabtiet mas-suspettat fid-delitt, il-Qorti tirriskontra wkoll eżerċizzju ta’ ġornaliżmu responsabbli għaliex, indubbjament, il-fatt li l-pubblikazzjoni saret jumejn wara l-omiċidju ta’ Paulina Dembska fit-2 ta’ Jannar 2022, ifisser li din saret fi żmien propizju u kienet in sostanza, ġustifikata mill-okkażjoni. Ċertament mhux il-każ illi l-konvenuti ħadu d-deċiżjoni li jippubblikaw l-informazzjoni li wasslitilhom dwar il-presenza tas-suspettat f’laqgħa ta’ River of Love fis-sigħat qabel l-omiċidju, bħal sajjetta fil-bnazzi jew mingħajr kuntest jew sfond relevanti. F’kull każ ma hemm xejn fl-atti u fil-provi proċesswali li jagħti x’jifhem li l-pubblikazzjoni saret deliberatament bil-ħsieb li tikkaġuna ħsara lill-attur jew lil River of Love.

Fir-rigward, il-konvenut Owen Galea esebixxa ukoll artikolu separat, ippubblikat fuq timesofmalta.com fit-3 ta’ Jannar 2022 u intitolat ‘*River of Love distances itself from Sliema murder suspect*’. Dan biex jintwera li n-ness bejn il-Komunita’ River of Love u s-suspettat fil-qtil ta’ Paulina Dembska, kien diġa’ qed jiġi dibattut fil-mass midja qabel il-pubblikazzjoni tal-artikolu impunjat u dan abbażi ta’ filmat li kien qed jiġi ċirkolat fuq il-midja soċjali li fih jidher l-imsemmi Abner Aquilina flimkien ma’ persuna assoċjata mal-moviment River of Love. Dan ikompli jikkonvinċi lill-Qorti li huwa kompletament eskluż mill-provi li l-konvenut ma setax raġjonevolment jemmen li l-pubblikazzjoni tal-konnessjoni bejn Abner Aquilina u River of Love u l-attur, ma kienx dwar materja ta’ interess pubbliku, *multo magis* meta wieħed iżomm f’moħħu

dak li ġie pubblikat dwar il-vulnerabbilita' psikoloġika tas-suspettat u l-prattiċi li skont l-MGRM jitwettqu fi ħdan River of Love li huma ta' perikolu għal persuni vulnerabbli.

Fil-każ in diżamina, il-konnessjoni bejn l-attur, River of Love u Abner Aquilina hija sostanzjata ulterjorment mix-xhieda tal-uffiċjal investigatur tad-delitt, l-Ispettur Shawn Pawney, li kkonferma illi l-Pulizija kienu tkellmu ma' Gordon-John Manche' u ma' żewġ persuni oħrajn, Derek Spiteri u Geoffrey Spiteri, li kienu jattendu l-laqgħat ta' River of Love, fejn ilkoll ikkonfermaw li Abner Aquilina kien attenda laqgħa waħda tal-istess River of Love lejliet id-delitt, fl-1 ta' Jannar 2022.

Kollox magħdud, hija l-fehma tal-Qorti illi mill-informazzjoni li kienet fil-pussess tal-konvenut u l-istatus tal-istess informazzjoni, kien raġjonevoli għalih jemmen li l-konnessjoni bejn l-attur u River of Love, fuq in-naħa l-waħda, u Abner Aquilina fuq in-naħa l-oħra, kienet materja ta' interess pubbliku.

<u>*Kriterju Soġġettiv*</u>

In kwantu għat-test soġġettiv tad-difiża taħt l-artikolu 5 tal-Att, il-Qorti wara li rat l-atti u l-provi, hija tal-fehma illi ma ġie ppruvat bl-ebda mod illi l-konvenuti f'dan il-każ ma kienux jew ma setgħux raġjonevolment jemmnu, minn perspettiva soġġettiva u fl-assjem tal-fatturi kollha appena kkunsidrati, li l-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet tal-konvenut, impunjati mill-attur, ma kienux dwar materja ta' interess pubbliku.

Din il-prova ġeneralment issir billi jintwera li l-pubblikatur naqas b'mod deliberat milli jsemmi fatti jew provi skolpanti noti lilu jew billi jintwera li bħala fatt, ma kien hemm l-ebda bażi fattwali għall-kumment. Iżda f'dan il-każ li għandha quddiemha, il-Qorti ma rriskontrat l-ebda prova fl-atti li turi illi l-konvenuti naqsu xjentement milli jsemmu xi fatt eżistenti dak iż-żmien jew li aġixxew b'malizzja: l-atturi ma ressqu ebda prova li turi l-eżistenza ta' xi malizzja jew malafede da parti tal-konvenuti fil-pubblikazzjoni tal-artikolu in diżamina jew tal-istqarrijiet speċifikatament impunjati u

b'mod speċifiku l-Qorti ma riskontrat ebda stqarrija jew allegazzjoni oneruża fil-pubblikazzjoni li m'hijiex konnessa jew ma għandhiex x'taqsam mal-materja ta' interess pubbliku mertu tal-pubblikazzjoni.

Filwaqt li huwa minnu li l-konvenuti ma fittxewx direttament huma stess il-kummenti tal-attur, lanqas b'rabta mal-pubblikazzjoni tal-istqarrija tal-MGRM dwar l-involviment tiegħu u ta' River of Love f'attivitajiet marbutin ma' *gay conversion therapy*, għall-Qorti din l-ommissjoni m'hijiex fatali għad-difiza taħt l-artikolu 5 tal-Att għaliex huwa evidenti li l-involviment tal-attur u ta' River of Love u persuni assoċjali miegħu, f'attivitajiet simili matul is-snin, jirriżulta diġa' mid-diversi pubblikazzjonijiet li saru dwar din il-materja matul is-snin[23]. Fi kwalsiasi każ, l-artikolu impunjat fih riferenza espressa għall-verżjoni mogħtija mill-attur lil Times of Malta dwar l-allegat rabta bejn Abner Aqulina u River of Love: "*In comments to The Times, Manche' denied that Aquilina was part of the movement and reiterated that they have nothing to do with him*".

Fir-rigward tal-argoment tal-atturi illi mhux minnu li l-istqarrija, magħmula fl-artikolu in diżamina, li River of Love kien waqqaf diversi paġni fuq Facebook biex jikkonvinċi lil persuni li mhux kuntenti bihom infushom li l-attur u Matthew Grech kellhom l-abbilita' li jfejjquhom, il-Qorti tirribadixxi li l-verita' o meno tal-imputazzjonijiet imnissla mill-pubblikazzjoni, hija immaterjali għall-prova tal-kriterju li l-pubblikatur raġjonevolment emmen li l-pubblikazzjoni kienet dwar materja ta' interess pubbliku. Huwa minnu li l-konvenuti ma ressqux fl-atti prova diretta li River of Love kellu paġni fuq Facebook b'reklamar dwar l-abbilitajiet ta' l-attur u ta' Matthew Grech biex ifejjqu lil min mhux kuntent bih innifsu[24]. Madankollu, kif ingħad diġa', mhux kull żball jew ineżattezza fil-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku fihom il-propensita' li jinnewtralizzaw id-difiża u fil-każ in diżamina, għandu jingħad illi l-eżistenza tal-pubblikazzjonijiet fuq Facebook fejn River of Love, speċifikatament l-

[23] Jinsab ritenut illi: "*where the defendant already has the claimant's version of events, failure to publish that will almost inevitably count against the defendant*" – **Reynolds v. Times Newspapers Ltd.** *ibid.*

[24] Il-pubblikazzjonijiet Dok. 3OG ('Ex-LGBT Malta') u Dok. 4OG ('Unashamed'), esebiti mill-konvenut Owen Galea, ma fihom ebda riferenza għall-attur Gordon-John Manche' jew River of Love u ma jirriżultax illi dawn il-paġni fuq Facebook kienu mwaqqfin jew amministrati minnhom.

attur, irreklama attivita' msejħa '*Gay no more – made new by the power of Christ*', ġiet ppruvata b'mod indirett permezz tal-kontenut ta' wħud mill-artikoli li ġew esebiti mill-konvenuti fl-atti proċesswali, elenkati iktar 'il fuq, senjatament il-pubblikazzjoni fuq www.Di-ve.com tas-6 ta' Mejju 2011, u l-pubblikazzjonijiet fuq www.maltatoday.com.mt fis-7 ta' Mejju 2011 u d-9 ta' Mejju 2011. Pubblikazzjonijiet li lkoll jagħmlu referenza għall-attivita' – reklamata mill-attur u River of Love – maħsuba biex tikkonverti l-orjentazzjoni sesswali ta' persuni omosesswali. Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser ukoll illi l-konvenut ħa ħsieb jivverifika l-akkuratezza tal-istqarrija tal-MGRM qabel ippubblikaha.

Ikkunsidrat;

Illi fuq kollox, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ, safejn għandu x'jaqsam ir-rapportaġġ tal-istqarrija tal-MGRM, huwa riskontrabbli każ klassiku ta' '*reportage*': privileġġ żviluppat reċentement[25] iżda ben rikonoxxut fil-liġi tad-diffamazzjoni, tant illi ġie kodifikat espressament fis-subartikolu (4) tal-Artikolu 5 tal-Att bħala parti mid-difiza tal-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku. Din id-dispożizzjoni legali hi fil-fatt riproduzzjoni *verbatim* tal-artikolu analogu, l-artikolu 4(3), fid-Defamation Act UK, 2013, u tipprovdi:-

"*Jekk id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet, jew kienet tifforma parti minn, rendikont preċiż jew imparzjali ta' kwistjoni li fiha l-konvenut*[26] *kien parti, il-Qorti għandha, fid-deċiżjoni jekk kienx raġonevoli jew le li l-konvenut jemmen li l-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni kienet ta' interess pubbliku, ma tagħtix każ ta' xi ommissjoni tal-konvenut li jieħu passi sabiex jivverifika l-verità tal-imputazzjoni mwassla minnha.*"

Dan il-privileġġ ġie mfisser hekk:-

---

[25] L-ewwel każ fejn dan il-privileġġ ġie rikonoxxut kien fid-deċiżjoni fil-każ **Al-Fagih v HH Saudi Research & Marketing (UK) Ltd.** (2001) EWCA Civ. 1634.

[26] Għandu jingħad illi l-ewwel referenza għall-"*konvenut*" saret evidentement bi żball u r-referenza kellha tkun għall-attur, ċioe' il-persuna aggravata. Wara kollox, fit-test analogu bl-Ingliż, ir-referenza hi għal "*the claimant*".

"*to qualify as reportage, the report, judging the thrust of it as a whole, must have the effect of reporting, not the truth of the statements, but the fact that they were made ... If upon a proper construction of the thrust of the article the defamatory material is attributed to another and is not being put forward as true, then a responsible journalist would not need to take steps to verify its accuracy. He is absolved from that responsibility because he is simply reporting in a neutral fashion the fact that it has been said without adopting the truth.*"[27]

Kif diġa' ġie stabbilit, l-artikolu impunjat jirrapporta, talanqas fil-biċċa l-kbira tiegħu, l-istqarrija maħruġa mill-MGRM dwar il-pożizzjoni ta' River of Love bħala moviment li huwa favur il-konverżjoni tal-orjentazzjoni sesswali ta' persuni omosesswali, u t-tħassib tiegħu dwar l-effetti ta' din il-prattika illegali fuq persuni vulnerabbli. L-istqarrija tagħmel referenza għall-omiċidju ta' Paulina Dembska u l-allegazzjoni li s-suspettat, Abner Aquilina, seta' kien assoċjat mal-moviment River of Love (billi, *inter alia*, kien attenda għal laqgħa tal-istess moviment lejliet l-omiċidju). L-attur Gordon-John Manche', bħala l-mexxej ta' dan il-moviment River of Love, huwa evidentement parti minn din il-kwistjoni.

Il-Qorti fliet l-artikolu u tqis li r-rapportaġġ fl-artikolu in kwantu jikkonċerna l-istqarrija tal-MGRM huwa newtrali u bilanċjat, fejn ġie pubblikat b'mod skjett il-verzjoni tal-istess MGRM kif ukoll iċ-ċaħda tal-attur Gordon-John Manche' li Abner Aqulina kellu x'jaqsam ma' River of Love.

Għalkemm mhux rikjest għas-suċċess tad-difiża ta' *reportage* li l-pubblikatur jiddiskosta ruħu espressament mill-allegazzjonijiet riportati fl-artikolu impunjat, ma jirriżultax li f'dan il-kaz tal-lum, l-artikolu impunjat fih xi stqarrija fis-sens li dak li ġie mistqarr mill-MGRM huwa l-verita'. Fil-fatt, it-ton tal-artikolu hu fattwali u oġġettiv, anzicche` soġġettiv, u hu evidenti li l-kliem li ntgħażel għalkemm mhux il-kliem identiku tal-istqarrija in kwantu l-konvenut uża l-kelma "*cure*" minflok "*fix*" u

[27] **Roberts v. Gables**, 2007 EWCA Civ. 721.

ma kkwotax *verbatim* it-test tal-istqarrija tal-MGRM, dan ma jibdel assolutament xejn mis-sostanza tal-istqarrija li, għall-kuntrarju, hija rapportata fedelment u twassal bi preċiżjoni l-messaġġ tal-istqarrija oriġinali tal-MGRM. Ukoll, u kuntrarjament għal dak li ġie sottomess għall-atturi, il-kliem użat mill-awtur m'humiex derogattivi u lanqas iwasslu xi implikazzjoni ta' preġudizzju da parti tal-attur fil-konfront tal-Komunita' River of Love. F'kull każ, jinsab ritenut li l-fatt li l-pubblikatur jaddotta ton kritiku ma jwaqqax id-difiża[28].

Ġie ritenut ukoll fir-rigward: "*So long as the reporting is fair and balanced, ... this does not mean that it must be bland. Nor does it require that the defendant should be denied the possibility of showing pleasure in reporting the matter.*"[29]

Għaldaqstant tqis illi f'dan il-każ, billi huma ravvizabbli l-kriterji tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 5 tal-Att, kwalsiasi ommissjoni tal-konvenuti li jieħdu xi passi sabiex jivverifikaw il-verità tal-imputazzjoni mwassla minnhom permezz tar-rapportaġġ tal-istqarrija tal-MGRM, ma għandhiex tingħata piż mill-Qorti fid-deċiżjoni tagħha dwar jekk kienx raġonevoli jew le li l-konvenuti jemmnu li l-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni kienet ta' interess pubbliku.

### (2) <u>Artikolu ppubblikat fis-6 ta' Jannar 2022 fuq www.tvmnews.mt</u>

Fir-rigward ta' dan it-tieni artikolu impunjat fl-azzjoni, li l-konvenut Alvin Vassallo huwa l-awtur tiegħu, l-attur jilmenta illi dan iwassal imputazzjoni li huwa u l-Komunita' mmexxija minnu huma b'xi mod, direttament jew indirettament, involuti fl-omiċidju li seħħ fit-2 ta' Jannar 2022 f'tas-Sliema, liema imputazzjoni, skont l-attur, titnissel mill-fatt illi l-artikolu fih ritratt imdaqqas tiegħu biswit ritratt tas-suspettat Abner Aquilina, kif ukoll mis-segwenti silta fl-artikolu:-

---

[28] Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-deċiżjoni fil-każ **Verlagsgruppe News GMBH v. Austria** qalet hekk, f'każ fejn rikonoxxiet li l-artikolu in kwistjoni kien sewwasew kaz ta' *reportage*: "*It is certainly true that the article at issue reflected a rather critical approach ... This cannot however, justify the conclusion that the article identified and adopted the content of the impugned statements of the quoted passage.*"

[29] **Roberts v. Gable**, *ibid.*

"*Il-Pulizija qed ikellem membri ta' River of Love dwar rabtiet li seta' kellhom ma' Abner Aquilina, is-suspettat fil-qtil ta' Paulina Dembska, f'Tas Sliema.*"

Il-Qorti ma taqbilx mal-attur li l-artikolu jnissel imputazzjoni li hu jew il-Komunita' mmexxija minnu huma direttament involuti fid-delitt jew li huwa qed jiġi investigat mill-Pulizija b'rabta mal-istess delitt.

Tibda biex tosserva illi huwa wieħed mill-prinċipji l-iktar bażiċi tal-liġi tad-diffamazzjoni li l-pubblikazzjoni għandha tinqara fl-intier tagħha u għandha tiġi meqjusa ħolistikament għall-fini li jiġi stabbilitii l-imputazzjonijiet il jinsiltu minnha. Għalhekk mhux biżżejjed li għall-fini li jiġi stabbilit jekk l-imputazzjoni impunjata hijiex waħda li titnissel mill-pubblikazzjoni, li ssir riferenza biss għat-titolu jew għal xi ritratt anke jekk dan ikun jifforma parti prominenti mill-artikolu.

"*Ordinary readers do not read in isolation but take the context into account, including the surrounding circumstances. They are taken to have read the whole article, not just the headlines, but importantly, the more sensational the article, the less degree of analytical care is expected, in contrast to serious publications which trigger an assumption of caution and close critique.*"[30]

Fid-deċiżjoni fil-każ **Charleston v. News Group Newspapers Ltd** (1995), il-House of Lords riaffermat il-ġurisprudenza stabbilita in materja u riġettat l-argoment illi l-avvanzi fil-mezzi ta' komunikazzjoni u l-eżistenza tal-*mass media* ħolqu xi ħtieġa li jiġu żviluppati prinċipji u regoli ġodda li jippermettu lill-persuna aggravata li tistrieħ fuq imputazzjonijiet li huma bbażati fuq it-tifsira ta' stqarrijiet jew kliem li jiġu meqjusa għalihom u mhux fil-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni kollha.

F'din l-istess deċiżjoni ġie riaffermat il-prinċipju bażilari, imsejjaħ "*the single meaning rule*", imfisser bħala:-

---

[30] *Landmark Cases in Defamation Law*, (Edited by David Rolph) 2019 (2021 Ed.), b'referenza għal numru ta' deċiżjonijiet fosthom: **Hockey v. Fairfax Media Publications Pty Ltd.** (2015) FCA 652.

"... *the meaning an ordinary, reasonable, fair-minded person would agree on, after considering the words in their whole, published context. If the whole* [of the publication] *contains some words which appear defamatory, the defamatory effect (or bane) may be neutralised by other contextual words which operate as an antidote.*" [31]

Huwa ovvju minn qari tal-pubblikazzjoni sħiħa, mill-bidu sal-aħħar tagħha, illi l-Pulizija kienu qed ikellmu lil membri tal-Komunita' River of Love (ewlenin fosthom l-attur għaliex jidher fir-ritratt formanti parti mill-artikolu), b'rabta mal-fatt illi Abner Aqulina kien attenda għal laqgħa ta' River of Love fis-sigħat qabel allegatament ikkometta l-omiċidju ta' Paulina Dembska, u mhux għaliex xi ħadd minnhom huwa tabilħaqq suspettat bil-kommissjoni tad-delitt. Fil-fatt, it-titolu tal-pubblikazzjoni, juża l-kliem espress li l-Pulizija qed "*tkellem*" lil membri ta' River of Love dwar "*rabtiet mas-suspettat fil-qtil*" u mhux dwar *"rabtiet mal-qtil*" bħallikieku xi ħadd f'River of Love huwa suspettat fil-qtil tal-imsemmi Paulina Dembska.

Din il-fehma hija rinforzata bil-qari tal-kumplament tal-artikolu fejn ġie mistqarr li l-Pulizija qed tkellem membri ta' River of Love dwar rabtiet li **seta' kellhom ma' Abner Aquilina li qed jiġi suspettat li qatel lil Paulina Dembska kif ukoll stupraha,** u dan minħabba li kien attenda għal laqgħa fi ħdan l-imsemmi Komunita' fis-sigħat preċedenti l-qtil u kien qatta' l-lejl ma' persuni oħrajn li huma assoċjati ma' River of Love. Ġie rapportat ukoll "*S'issa il-Pulizija qed taħdem biex tkun taf x'ġara minn meta Aquilina telaq mid-dar għall-ħabta tas-2am u d-delitt li seħħ mal-erba' sigħat wara.*" Ġie dikjarat ukoll espressament fl-artikolu li għadu mhux ċar x'inhi r-relazzjoni ta' Abner Aquilina ma' River of Love, u fuq kollox, ġie rapportat il-verżjoni kategorika tal-attur, Pastor Gordon Manche' fir-rigward, fejn ċaħad li River of Love għandu rabta mas-suspettat li qatt ma attenda laqgħa ta' River of Love, li lanqas biss jafu u qatt ma ltaqa' miegħu.

[31] F'Landmark Cases in Defamation Law *ibid*. p. 173.

Il-Qorti tqis illi l-qarrej li jaqra l-artikolu b'mod sħiħ ma jistax raġjonevolment jasal biex jikkonkludi li l-attur qed jiġi investigat in konnessjoni mad-delitt tal-omiċidju ta' Paulina Dembska. Għall-kuntrarju, huwa evidenti minn qari anke tat-titolu tal-pubblikazzjoni li l-persuna li qed tiġi investigata b'rabta mal-qtil huwa ħadd ħlief Abner Aquilina u jinftiehem mingħajr ebda diffikolta' jew ekwivoku illi r-rabta ta' River of Love jew l-attur ma' Abner Aquilina tikkonsisti purament fl-allegat parteċipazzjoni tiegħu f'laqgħa ta' River of Love fis-sigħat qabel id-delitt u possibbilment, laqgħat oħrajn preċedenti. Għalkemm kif diġa' ġie stabbilit, il-konnessjoni ma' persuna suspettata bit-twettiq ta' delitt makabru bħalma hu l-omiċidju ta' Paulina Dembska tista' tnissel inferenza diffamatorja, fil-każ konkret l-inferenza li titnissel b'mod pjuttost inekwivoku mill-artikolu fl-intier tiegħu, hija li l-attendenza jew l-assoċjazzjoni ta' Abner Aquilina ma' River of Love kienet konnessa ma' għajnuna spiritwali li jidher li kellu bżonn l-istess Abner Aquilina biex jegħleb il-presenza tax-xitan u jsib lil Ġesu', u għajnuna biex jeħles mill-vizzju tad-droga, u mhux għal xi skop ieħor, illegali, kontroversjali jew immorali. Kemm hu hekk, l-artikolu in diżamina ma ebda konnessjoni bejn River of Love jew l-attur u xi attivtajiet jew prattiċi marbutin mal-konverżjoni tal-orjentazzjoni sesswali ta' persuna. Għalhekk, għalkemm mad-daqqa t'għajn jew b'ħarsa biss lejn it-titolu u r-ritratti tal-artikolu, ir-rabta li l-qarrej jifhem li teżisti bejn River of Love jew l-attur, u persuna li qed tiġi suspettata bi qtil makabru, tista' tnissel inferenza diffamatorja, din l-inferenza malajr tiġi newtralizzata bil-qari tal-kontenut tal-artikolu.

Barra dan il-fatt illi kif diġa' ngħad, l-istqarrija li l-Pulizija qed tkellem lil persuni f'River of Love ma tħalli ebda lok għal xi ekwivoku dwar il-fatt li dak li kien qed jiġi investigat huwa ness bejn River of Love u s-suspettat. Fil-fatt, imkien ma jingħad fl-artikolu illi l-attur jew River of Love qed jiġu investigati, iżda biss "*mitkellma*". Stqarrija li meta jiġu applikati għaliha l-kriterji enunċjati fid-deċiżjoni **Jeynes v News Magazines Ltd.** li jridu jitqiesu biex tiġi determinata l-imputazzjoni mnissla mill-pubblikazzjoni impunjata, m'hijiex kapaċi raġjonevolment tqanqal xi ħsieb f'moħħ il-qarrej dwar il-possibbilita' ta' xi involviment tagħhom fil-qtil innifsu:-

"*(1) the governing principle is reasonableness (2)* ***the hypothetical reasonable reader is not naïve but he is not unduly suspicious. He can read between the lines.*** *He can read in an implication more readily than a lawyer and may indulge in a certain amount of loose thinking but he must be treated as being a man who is not avid for scandal and* ***someone who does not, and should not, select one bad meaning where other non-defamatory meanings are available*** *(3) over-elaborate analysis is best avoided. (4)* ***the intention of the publisher is irrelevant.*** *(5) The article must be read as a whole… (6)* ***The hypothetical reader is taken to be representative of those who would read the publication in question****. (7) In delimiting the range of permissible defamatory meanings, the court should rule out any* ***meaning which 'can only emerge as the produce of some strained, or forced, or utterly unreasonable interpretation*** *…' (8) It follows that* ***it is not enough to say that by some person or another the words <u>might</u> be understood in a defamatory sense****." …*"[32]

Din il-konklużjoni hija sostanzjata ulterjorment mix-xhieda tal-Ispettur Shawn Pawney li kkonferma illi l-attur, Gordon Manche, ġie mitkellem mill-Pulizija bħala persuna informata u mhux bħala perrsuna investigata u ma jirriżultax li River of Love kellu xi involvement fid-delitt.

Għaldaqstant, billi ma saret ebda imputazzjoni bħal dik li ġie allegat mill-attur u ma saret lanqas ebda imputazzjoni oħra li għandha tendenza malafamanti fil-konfront tal-attur Gordon Manche', il-pubblikazzjoni impunjata ma tista' qatt titqies bħala waħda diffamatorja li għamlet ħsara serja lir-reputazzjoni tal-istess attur.

Barra minn hekk, l-istess stqarrijiet fl-artikolu impunjat kienu ġew ippubblikati iktar qabel fl-istess data, 6 ta' Jannar 2022 fuq www.timesofmalta.com: artikolu bl-istess titolu preċiż iżda bil-lingwa Ingliża: '*Police question River of Love members about links to Sliema murder suspect*' (Dok. AV2). Il-kontenut sostantiv tal-artikolu fuq www.timesofmalta.com ġie rapportat ukoll fuq www.lovinmalta.com ukoll fis-6 ta' Jannar 2022 f'artikolu intestat '*Police Interrogate River of Love Members, Abner*

[32] **Jeynes v News Magazines Ltd** [2008] EWCA. Enfasi tal-Qorti.

*Aquilina Spotted at Sermon*' (Dok. AV3). Għalhekk, kif sewwa ġie sottomess mill-konvenuti, anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat li l-attur sofra xi ħsara lir-reputazzjoni tiegħu minħabba l-pubblikazzjoni tal-imputazzjoni allegatament diffamatorja, il-fatt li l-imputazzjoni kienet diġa' ġiet pubblikata qabel ifisser li l-ħsara hija preżunta li tkun ġiet ikkaġunata fil-mument tal-ewwel pubblikazzjoni.

In vista ta' dan kollu, mhux meħtieġ li l-Qorti tindaga dwar l-eċċezzjoni tal-verita' tal-istqarrijiet impunjati fit-tieni pubblikazzjoni mertu tar-RIkors, kif imqanqal fit-tieni paragrafu tar-Rispsota tal-konvenuti.

**Għal dawn il-motivi kollha, taqta' u tiddeċiedi illi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet fir-Rikors safejn saru fil-konfront ta' Dr. Joanna Spiteri wara li l-atti ġew ċeduti limitatament fir-rigward tagħha, (i) tqis illi l-pubblikazzjonijiet li saru fl-4 ta' Jannar 2022 (Dokument A) u fis-6 ta' Jannar 2022 (Dokument B), mertu tar-Rikors, m'humiex diffamatorji fil-konfront tal-attur għan-non tal-Komunita' Evanġelika 'River of Love', (ii) tilqa' it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti Owen Galea, Alvin Vassallo u Charles Dalli fir-Risposta tagħhom fir-rigward tal-pubblikazzjoni li saret fl-4 ta' Jannar 2022 (Dokument A) u għaldaqstant (iii) tiċħad it-talbiet ta' GORDON-JOHN MANCHE' u KOMUNITA' EVANĠELIKA RIVER OF LOVE fir-Rikors promotur, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess atturi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**